MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2007

Numru 628/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian Joseph Abdilla**
**v -**

**ANTHONY VASSALLO**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **ANTHONY VASSALLO** ta' disgha w hamsin sena, bin il-mejjet Paul u l-mejta Anne nee Azzopardi, imwieled Rabat, Malta nhar d-disgha ta' Settembru 1947 u residenti 'Casa Vassallo', Triq Hal Tartani, Rabat, Malta, detentur tal-karta tal-identita numru 825847M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

1. f'Gunju 2007, u fix-xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, personalment f'ismu jew fil-kapacita tieghu ta' Direttur tal-kumpanija Antoine Auto Dealer, bin-numru ta' registrazzjoni C26112, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma

ta’ elf lira maltin ghd-dannu ta’ Stephen Xuereb, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

2. talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifika foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn elf lira maltin ghad-dannu ta' Stephen Xuereb;

3. talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe Notice of Transfer, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dak l-att jew skrittura wara li kienu gew ffirmati, nkellha billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dak l-att jew skrittura kellu jkollu fihom jew kellhom jippruvaw, kif wkoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

4. talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi, ffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, li meta jigi ppresentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu kunsinna ta' oggetti jew jigbor depositu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, kif wkoll talli xjentement ghamel uzu minnhom;

5. talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta’ taghrif falz.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija barra li tinfliggi l-piena stabbilita bil-ligi, tordna wkoll l-konfiska tal-oggetti kollha esibiti.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f’kaz ta’ htija, tikkundanna lil imputat ihallas l-ispejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti inkluz z-zewg stqarrijiet rilaxxjati mill-imputat nhar s-sittax ta’ Novembru 2006 u nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Lulju 2007, c-certificate of motor insurance, d-dokument ta’ registrazzjoni ta’ vettura Mazda bin-numru ta’ registrazzjoni DBB 605, n-notices of transfer.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-hamsa w ghoxrin ta’ Lulju 2007 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u dan meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semght l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti ta’ dan il-procediment fis-seduta ta’ nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Lulju 2007.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil Dottor Paul Farrugia jiddikjara fl-istess seduta tal-hamsa w ghoxrin ta’ Lulju 2007, li l-patrocinati tieghu thallsu ghas-saldu u m’ghadhomx pretenzjonijiet ulterjuri fil-konfront tal-imputat odjern u lanqas interess fl-ezitu ta’ dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu sittax il-conviction, fil-maggor parti ta' portata zghira, registrata fuqha dwar akkuzi kontra l-Orinanza tat-Traffiku, ksur tal-paci pubblika, nuqqas t'ubbidjenza ta' ordni legittima moghtija mill-pulizija, u ricettazzjoni fejn inghata diversi amendi u multi;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz tant li l-imputat hallas il-vittma ghas-saldu; u

4. dak verbalizzat mill-parte civile u cioe li l-parte civile thallset ghas-saldu tal-pretenzjonijiet taghha u m'ghandhiex pretenzjoni ulterjuri fil-konfront tal-imputat odjern.

Ghaldaqstant, **il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 293, 294, 310, 308, 309, 183, 184, 167, 169 u 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat ANTHONY VASSALLO hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitejn [200] lira maltin.**

**Il-Qorti qed taghti l-fakulta lil imputat li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-multa tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin [50] lira maltin u f'kaz li l-imputat jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri dovuta.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti, il-Qorti tastjeni milli konjizzjoni ta' tali talba stante li ebda perit jew espert ma gie nominat f’dawn il-proceduri.**

Finalment tordna wara li rat l-artikolu 403(1) tal-Kap 9, li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------